SIGGIEWI

ALBUM

Nru. 19

# ĦARSA LEJN ĠRAJJIET IS-SIĠĠIEWI TA' ERBA' MITT SENA ILU

minn
Alexander Bonnici
O.F.M. Conv.

*Diskors f'Akkademja li saret fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi fl-okkażjoni ta' egħluq il-250 Sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja: 1729-1979. L-Akkademja saret fit-2 ta' Diċembru, 1979.*

## I. PROBLEMI SOĊJALI U PASTORALI TA' L-IMGĦODDI

### Jasar u Faqar

Ġrajjiet is-Siġġiewi jintilfu fil-qedem ta' l-istorja ta' gżiritna. Fi żmenijiet kefrin meta l-gżira tagħna kienet f'nofs ta' baħar, minsija kważi minn kulħadd, missirijietna batew bla tarf għaliex ħafna drabi dawk li ftakru fina kienu l-pirati li ġġerrew ma' l-ibħra ta' madwarna, fil-ħemda tal-lejl qabżu fuqna, u tant minn missirijietna nġarrew f'jasar kiefer jew inqatlu fi djarhom, u ġidhom safa misruq. Wieħed mill-irħula li tant intiaqat minn dawn il-ġrajjiet li jisiltulna d-dmugħ kien proprju s-Siġġiewi. Il-qagħda tiegħu fil-qrib ta' xtajtiet minsijin u bla ebda ħarsien kienet il-kawża li bnedmin li ma kellhom l-ebda sens ta' ħniena kienu jidħlu bil-moħbi, u jibqgħu bla ma ħadd jintebaħ bihom.

Imma l-ħsebijiet tiegħi ma jistgħux imorru lejn dawk iż-żmenijiet. Dawk huma ġrajjiet ta' biki li l-istorja ma għandhiex il-ħila tniżżilhom bir-reqqa għaliex fi żmienhom ħadd ma kitibhom; huma ma għaddewx ħlief minn fomm għall-ieħor, u għalhekk fihom ukoll, għalkemm nemmnu fil-verità sostanzjali tagħhom, l-istorja tit-ħallat mal-leġġenda.

Madankollu, il-ħarsa tiegħi tmur fuq żmenijiet li huma wkoll qodma; imma dwarhom tħalliet xi ħaġa bil-miktub li nistgħu norbtu fuqha. Huma ġrajjiet ta' aktar minn erba' mitt sena ilu, li ma kenux jistennew ħlief li xi ħadd li jħobb l-istorja u għandu l-ħila jgħarbilha jaqlagħhom minn manuskritti tant drabi msewsa bil-kamla, u jagħtihom ħajja. Inkunu qisna qed nag'l-għu minn qabarhom lil missirijietna, u nisimgħuhom jitkellmu magħna. Dawn aktarx li ftit iferrħuna għaliex juruna li, huma kemm huma kbar il-problemi ta' żmienna, dawk tagħhom kienu slaleb wisq itqal minn tagħna.

### Diffikultajiet ta' Raħal fuq Għolja

Sejjer nitfa' ħarsti fuq żmenijiet meta Malta kienet bdiet għaddejja għall-aħjar. Huma żmenijiet meta aħna konna nagħmlu minn Spanja; imma l-ħarsien tal-gżira kien għadu kif ġie fdat f'idejn il-Kavallieri ta' San Ġwann. U, għalkemm il-Kavallieri, speċjalment lejn l-ewwel żmien, għamlu ħilithom biex itejbu l-qagħda soċjali ta' gżiritna, ma tantx kien possibli li huma jieħdu ħsieb tajjeb ta' l-irħula mferrxin mal-kampanja. Malli fis-sena 1530 rifsu l-gżira tagħna, huma tefgħu madwarhom ħarsa miksura għaliex ma rawx ħlief blat u ma lemħux ħlief popolazzjoni fqajra tgħum bla tama fil-problemi tal-ħajja. Raħal bħalma kien is-Siġġiewi, li kien jaf it-twelid tiegħu sa minn ħafna qabel, baqa' jħossu mitluq għaliex kien imbiegħed miċ-ċentru. Fi żmenijiet meta l-mezzi tat-trasport ma kenux jeżistu, missirijietna f'dan ir-raħal ġie li għaddew ħajjithom kollha bla ma qatt ħarġu minnu, u bla ma qatt kellhom rabtiet li laqtuhom mill-qrib ma' bliet jew irħula oħrajn.

Mal-miġja tal-Kavallieri, Malta ma damitx ma għaddiet minn xhur ta' ċarċir ta' demm, u l-qalb ta' kull Malti għexet f'baħar ta' niket fi żmien l-Assedju l-Kbir, sakemm f'Settembru tas-sena 1565 żernaq il-jum sabiħ tar-rebħa. U, minn dak iż-żmien 'il quddiem, il-gżira għażiża tagħna bdiet tittama li dik ir-rebħa, aktar milli glorja, tagħtiha ftit ta' nifs. Jibqa' minnu li jien nista' ngħid flimkien mal-poeta nazzjonali Dun Karm:

"Oh ħalli nbusu dak it-trab imqaddes

maghġun bid-demm ta' qlub li ħabbew sħiħ;
b'demmek, ja Malta, li għal dejjem rifed il-jedd ta' Kristu u ta' l-Ewropa l-ġieħ".
(L-Għanja tar-Rebħa).

Imma l-Maltin, minnufih wara r-rebħa, malajr sabu ma' wiċċhom il-problemi ta' l-imghoddi: problemi li l-irħula baqgħu jħossu aktar mill-ibliet.

Fi żmien meta l-gżira kienet immexxija mill-Isqof Spanjol Martin Royas, f'widnejn il-Papa Girgor XIII waslu xi aħbarijiet dwar Malta li wrew il-bżonn ta' riforma filqasam tal-Knisja. Għalhekk, il-Papa bagħat fostna Inkwiżitur u Viżitatur Appostoliku biex jara tajjeb f'liema qagħda kienu jinsabu s-Saċerdoti u l-Insara ta' Malta. Kien hemm bżonn li l-Viżitatur iżur il-parroċċi kollha ta' Malta: mill-Kattidral sa l-iċken waħda. Kien hemm bżonn li jmur f'kull kappella ċkejkna, mitlufa, mitluqa, jew minsija fil-kampanja Maltija. Kien hemm bżonn li jidher quddiem l-Isqof innifsu, kull saċerdot, u kull bniedem li b'xi mod kellu rabtiet mal-Knisja. Min-naħa l-oħra, kien hemm bżonn li, quddiem il-Papa, il-Viżitatur ma jaħbi xejn: la t-tajjeb u lanqas il-ħażin. L-istess kif marid irid jiftaħ qalbu mat-tabib sabiex dan ikun jista' jfejqu, hekk ukoll kien meħtieġ li l-ġrieħi kollha li kienu qed imarrdu l-Knisja kellhom bżonn isiru magħrufa sabiex hi, bħala omm ħanina, tkun tista' tagħti l-mediċina tal-fejqan: anki jekk din tkun morra u ma tingħoġobx mill-marid. Il-bniedem destinat għal din il-missjoni diffiċli kien Mons. Pietru Dusina, minn Brescia fl-Italja ta' Fuq. Wara li, rċieva l-ordni tal-Papa fit-3 ta' Lulju 1574, hu wasal fostna fl-1 ta' Awissu 1574. L-ewwel ħidma tiegħu kienet bħala Inkwiżitur. Imma, imbagħad, f'Diċembru 1574, Dusina ħabbar li bħala Delegat tal-Papa, kien sejjer iżur id-Djoċesi.

Hi viżta tassew storika fil-ġrajjiet tal-Knisja ta' Malta. Dak li fiha, sar materjal mill-iżjed ġenwin fuq żmien ta' storja li sa issa għadna ma tantx nafu dwaru.

## Parroċċa Qadima iżjed milli naħsbu

Fl-1575, u eżattament il-Ġimgħa, 21 ta' Jannar. Mons. Dusina ta bidu għall-Viżta tiegħu. Hu ma damx wisq ma wasal firraħal tas-Siġġiewi. Kien it-2 ta' Frar ta' dik



*L-Artal Prinċipali tal-Knisja l-Qadima (Bil-kortesija tas-Sur John Vassallo)*

is-sena. Fi żmien meta l-popolazzjoni tagħna kienet għadha tant ċkejkna, meta l-gżira kollha kemm hi, b'Għawdex magħha, kienet biss ta' madwar 50,000 ruħ, il-ħarsa ta' Dusina marret b'mod speċjali lejn dawk il-postijiet li kellhom knisja mdaqqsa bit-titlu ta' Parroċċa u b'mijiet ta' nies imdawrin fil-qrib tagħha.

Is-Siġġiewi kien wieħed minn dawn il-postijiet. Ħadd ma jista' jgħidilna b'ċertezza kemm hu l-qedem ta' din il-parroċċa. Imma ħaġa waħda hi ċerta: fis-sena 1436, l-Isqof Djoċesan Senatore De Mello de Noto, ra li kien hemm bżonn li ssir dikjarazzjoni ċara dwar liema kienu l-Knejjes Parrokkjali ta' Malta. Hu kiteb b'mod ċar, li, minbarra l-Knejjes Parrokkjali tal-Kattidral u tal-Birgu, f'inħawi tal-gżira tant imbegħda minn xulxin, kien hemm tmienja oħrajn li kellhom f'idejhom il-ħsieb ta' l-insara mxerrdin mal-kampanja ta' Malta. Fost dawn il-parroċċi qodma ta' Malta, kien hemm din tas-Siġġiewi. Ma jidhirx li dak

l-Isqof kien qed jagħmel Parroċċi ġodda; kienet dikjarazzjoni u rikonoxximent ta' Parroċċi li kienu diġà jeżistu. L-eżistenza ta' Parroċċi tfisser ukoll li f'dawn l-inħawi kien hawn popolazzjoni sewwa li tista' titqies komunità waħda. In-naħiet tas-Siġġiewi kienu minn dawk li bdew jiġu popolati għaliex l-istess eżistenza ta' Parroċċi oħrajn fil-qrib turi li dawn l-inħawi ta' Malta sa minn tant mijiet ta' snin kienu mgħammrin sewwa bin-nies. Fi żmien ta' popolazzjoni tant ċkejkna, f'dik is-sena 1436, fil-qrib tas-Siġġiewi, kien hawn ukoll il-Parroċċi taż-Żurrieq, Ħaż-Żebbuġ, u Ħal Qormi. Imma nżidu wkoll li l-bogħod tagħhom kien wisq akbar milli aħna narawh illum għaliex nafu kemm kien diffiċli li wieħed igħaddi għal dawn l-irħula b'tant ħarbit fit-toroq tal-kampanja u bla ebda mezzi biex wieħed imur fihom. U l-istess fatt li s-Siġġiewi jinsab fuq għolja jissokta juri li fl-imgħoddi kellu ħafna x'jaqtgħu mill-postijiet l-oħrajn.

*(ikompli f'ħarġa oħra)*



*Wieħed mill-artal tal-ġnub tal-Knisja l-Qadima*
*(Bil-kortesija tas-Sur John Vassallo)*

The Confident

CHO




CE

since 1820

**Sole Agents: CAPT. A. CARUANA LTD. VALLETTA. Tel: 625903**